# FIL-QORTI KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 19 ta' Mejju 2022**

**Att t'akkuża numru 18/2021 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Joseph BONNICI**

**ta' 41 sena, iben Paul u Maria Lourdes Bonnici nee' Callus, imwieled H'Attard nhar id-19 ta' Gunju 1980, residenti ġewwa 275, Triq Santa Maria, Għaxaq, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 312680M**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tal-akkuża imsemmi iżjed il-fuq u li bih, l-Avukat Ġenerali qiegħed, f'isem ir-Repubblika ta' Malta jakkuża lil Joseph BONNICI bis-segwenti:

L-EWWEL KAP

Il-Fatti:

Maria Lourdes Bonnici kienet mara tad-dar u persuna li kienet ghaddiet minn hafna f'hajjitha u li kull ma kien fadlilha biex jiehdu hsiebha, kienu bintha Angele Bonnlci u t-tifel taghha Joseph Bonnici (aktaf I-isfel maghruf bhala I-'akkuzat').

Angele Bonnici kellha 29 sena'. Kienet bniedma biezla tahdem hafna. Meta ma kienetx ix-xoghol, Angele kienet tkun id-dar ma ommha jew barra tqatta il-hin taghha mal-hbieb.

Id-dar li fiha kien jghix l-akkuzat flimkien mat-tfajla tieghu u dik ta' ommu u ohtu kienu ma genb xulxin u fil-fatt id-dar taghhom kienet ukoll accessibli minn gewwa il-garage tad-dad tieghu u ma l-ewwel darba li jidhlu ghand xulxin minn dan il-bieb.

Omm u oht l-akkuzat kienu jafdaw fih, huwa kien ghalihom dik il-persuna fuq liema setghu jistriehu, u kull meta kellhom bzonn xi ghinuna, huma kienu jsaqsu lilu. . Kienu jafu li meta kienu se jsaqsuh xi haga, hu dejjem kien se jkun hemm biex jghin, Fejn qatt setghu basru illi f'mohhu kien qieghed jippjana l-omicidju perfett filkonfront taghhom?!

Fil-fatt l-akkuzat ma kienx persuna twajba daqs kemm kienu jahsbu li kien ommu u ohtu, ma kienx minnu li setghu jafdawh b'ghajnejhom maghluqa, ma kienx minnu li hu kien se jkompli jghinhom kull meta kienu fil-bzonn tal-ghinuna. L-akkuzat effettivament iddecieda illi kellu jitterminalhom hajjithom, iddecieda illi kien iddejjaq bil-prezenza taghhom u l-unika mod li bih seta' jehles minnhom kien billi joqtolhom.

L-akkuzat kien ippjana kollox, sal-lnqas dettal, biex jikkommetti dan l-omicidju b'tali mod li ma jinqabadx. Qabel il-jum fatali tas-26 ta' Marzu tas-sena 2019, kien ghamel numru ta' atti li bihom seta jkopri it-tracci tieghu b'tali mod li hadd ma jkun jista jifhem ezattament dak li jkun sehh.

Il-qtil doppju kien imfassal metikolozament mill-akkuzat Joseph Bonnici f'erba' fazijiet differenti, l-ewwel fazi kienet il-preparazzjoni, it-tieni fazi kienet tirrigwarda l-omicidju per se, it-tfelet fazi kienet kif kien se jahbi il-kadavri u t-tracci tad-delitt u l-ahhar fazi kienet il-fabrikazzjoni tal-iskomparsa taghhom.

L-ewwel haga li kellu jipprepara kienet l-arma. Kif kien se joqtolhom minghajr ma jigi rintraccat? Minhabba li kien kaccatur, l-akkuzat Joseph Bonnici kellu diversi armi licenzjati f'ismu, pero jekk kien se juzahom, haseb li dawn certament kienu jigu assocjati mieghu. Minflok, huwa bena arma tan-nar, u kien se joqtol lil ommu u lil ohtu permezz ta' din l-arma tan-nar mibnija minnu stess.

It-tieni intopp li kellu kien dwar kif kien se jiddisponi mill-kadavri Iadarba id-delitt ikun sehh. Ghalhekk qabel ma kkommetta r-reat mar f'ghalqa li kien jaf biha, vicin ta' fejn kellu ghalqa tieghu. Gewwa din l-ghalqa, ma genb kamra, fuq in naha ta' wara taghha u bejnha u hajt tas-sejjieh, haffer hofra. Din il-hofra kienet se tintuza minnu fis-sieghat ta' bil-lejl taht id-dawl tal-qamar biex hu jidfen lil ohtu u lil ommu gewwa fiha wara li jkun qatilhom b'tali mod li ma jinstabux.

Wara li kellu l-arma u l-post tad-dfin ppreparati, l-akkuiat kellu jiddeciedi dwar il-post li fih kien se joqtol lil ommu u lil ohtu minghajr ma jqajjem l-ebda suspett maghhom dwar dak li kellu f'mohhu u lanqas mal-girien jekk jaghmel xi hoss.

Għalhekk, għażel li dan id-delitt jikkommettih ġewwa l-garage tiegħu. Fil-fatt il-garage dakinhar tad-delitt kien ġie ippreparat b'xi karti u boroż biex meta jikkommetti r-reat, ma jħammiġx l-art bid-demm u jkun jista inaddaf malajr. Fil-fatt kien lesta mazza f'dan il-garage u din il-mazza kellu l-intenzjoni li jużaha wara li jisparalhom sabiex jaċċerta ruħu li kien effettivament qatilhom, u li, letteralment ma jħallihomx jintgħarfu.

Dak kollu li kien fil-kontroll tal-akkużat kien lest u kull ma kien jonqos sabiex hu kien iħossu komdu li jikkommetti dan id-delitt b'mod li ħadd ma jsir jaf, kien li t-tfajla ma tkunx id-dar u li t-temp ikun wieħed ta' xita sabiex jitgħattew t-tracċi tiegħu.

Fis-26 ta' Marzu 2019, it-tfajla tiegħu kienet avżatu li kienet se ddum ma tidħol id-dar u kien previst ukoll li l-għada tagħmel ix-xita, għalhekk kollox kien lest sabiex Joseph Bonnici joqtol lil ommu u lil oħtu u b'hekk jeħles minnhom darba għal dejjem.

Fil-fatt dakinhar tas-26 ta' Marzu 2019, l-akkużat iddeċieda li jeżegwixxi l-pjan makabru tiegħu. Kien ipprepara kollox kif imsemmi iktar il-fuq, lesta l-karozza tiegħu b'karru u bdiet il-fażi l-iktar delikata, l-omiċidju nnifsu.

Filgħaxija tajjar is-salvavita sabiex jinqata d-dawl fid-dar t'ommu u oħtu. Wara li tajjar is-salvavita, l-ewwel sejjaħ lil oħtu attaprasi biex tgħinu u ħalla l-ommu fir-residenza tagħha. Qagħad wara oħtu u meta waslet fil-post ideali għalih, sparalha bl-arma tan-nar li kien bena, eżatt wara li sparalha, f'dak id-dlam ta' bil-lejl, mingħajr l-ebda eżitazzjoni, qabad il-mazza li kien ipprepara minn qabel, u taha daqqa biha f'wiċċha, tant li sfrondalha wiċċha b'tali mod li ma baqgħetx tintgħaraf.

Wara li qatel lil oħtu u għattiha ftit, reġa daħal għand ommu, ommu ma kienet tissuspetta f'xejn, qalilha li kellhom bżonn ukoll l-għajnuna tagħha, u għalhekk ommu, wara li rat li t-tfal tagħha kellhom bżonn lilha ukoll, marret miegħu, l-aħħar ħaġa li għamlet qabel ma qatilha kienet illi marret miegħu biex tgħinu.

Fil-fatt, meta din waslet fil-post fejn kien ġa qatel lil oħtu, sparalha f'rasha, u wara, taha daqqa bil-mazza sabiex ikun ċert li kienet mejta.

Wara li qatilhom, u kien ċert li kienu mejtin, sablex ma jqattarx id-demm, għattielhom wiċċhom b'boroż tal-plastic u dawn il boroż għalaqhom billi uża zip ties madwar għonqhom.

Wara li kkommetta dan l-omiċidju orrend fuq ommu u oħtu stess, l-akkużat Joseph Bonnici irrapporta mal-pulizija illi ommu u oħtu kienu neqsin u li ma kienx jaf fejn marru u għaliex setgħu telqu. Fil-fatt kien qal lil pulizija li saħansitra kien daħal id-dar t'ommu u oħtu iżda ma rriżultawx tracċi tagħhom.

Fil-fatt, kien fit-30 ta' Marzu tas-sena 2019, wara li ghaddew xi granet u wara li l-pulizija ghamlet l-investigazzjonijiet taghha li qamu suspetti kbar illi effettivament l-akkuzat kien qatel lil ommu u lil ohtu.

Arrestawh dakinhar tard filghaxija fuq suspett ta' qtil, u wara li arrestawh hadulu numru ta' stqarrijiet u f'dawn l-istqarrijiet l-akkuiat stqarr mal-pulizija illi kien minnu li qatel lil ommu u lil ohtu u wara spjegalhom ezattament u fid-dettal kif kien ikkommetta dan ir-reat, li huwa kif gie spjegat hawn fuq u hadhom ukoll

Il-Konsegwenza:

B'ghemilu, l-akkuzat Joseph Bonnici, sar hati ta' omicidju volontarju, u cioe fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, f'dawn il-gzejjer u senjatament f'Hal Ghaxaq, dolozament, bil-hsieb li joqtol Iil Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, jew iqieghed hajjithom f'periklu car, ikkagunalhom il-mewt.

L-Akkuza:

Ghaldaqstant I-Avukat Generali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar il-fuq f'dan il-Kap ta' I-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-lmsemmi Joseph Bonnici, hati ta' omicidju volontarju u cioe talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tal-2019, f'dawn il-gzejjer u senjatament f'Hal-Ghaxaq, dolozament bil-hsieb li joqtol persuni (Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici) jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car, ikkagunalhom il-mewt.

Il-Piena:

Konsegwentement, I-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Joseph Bonnici, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 211(1), 211(2) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

IT-TIENI KAP

Il-Fatti:

Dakinhar tal-akkadut u fil-lok u cirkostanzi hekk kif deskritti u jirrizultaw mil-kap precedenti ta' dan I-Att ta' Akkuza, cioe fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, jirrizulta li filwaqt li I-akkuzat Joseph Bonnici qatel Iil Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, kellu fuq il-persuna tieghu imitazzjoni ta' arma tan-nar, liema imitazzjoni ta' arma tan-nar kienet tispara u tahdem ezatt kif tahdem arma tan-nar normali.

Joseph Bonnici huwa persuna li ghandu d-delizzju tal-kacca u fil-fatt huwa licenzjat ghal hekk u ghandu armi tan-nar propju ghal dan id-delizzju. Matul iz-zmien, tghallem kif jahdmu l-armi tan-nar kemm minn gewwa kif ukoll minn barra u dak it-taghrif uzah sabiex ikun jista’ jibni arma huwa stess sabiex biha iwettaq id-delitt minghajr ma juza l-armi tan-nar li ghandu licenzja fuqhom.

L-akkuzat fil-fatt kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar li kien bena' hu stess bil-balal specifiki taghha li kien ghamel hu sabiex jikkommetti dan ir-reat fuq il-persuni ta' Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, kif effettivament u gie ikkonfermat mill-esperti mahtura mill-magistrat inkwirenti.

Il-Konsegwenza:

B'ghemilu, l-akkuzat Joseph Bonnici, sar hati talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, f'dawn il-gzejjer, filwaqt li kien qieghed jaghmel reat kontra l-persuni ta' Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oggetti.

L-Akkuza:

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar il-fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Joseph Bonnici, hati talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, f’dawn il-gzejjer, senjatament f’Hal-Ghaxaq gewwa residenza tieghu u fid-dintorni, filwaqt li kien qieghed jaghmel reat kontra l-persuni ta' Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, kellu fuq il-persuna tieghu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oggetti.

Il-Piena:

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkużat Joseph Bonnici, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn erba snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 55(a), 56 u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ghal kull piena ohra li tista skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

IT-TIELET KAP

Il-Fatti:

Dakinhar tal-akkadut u fil-lok u cirkostanzi hekk kif deskritti u jirriultaw mil-kap precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, cioe fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, ghal-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija, gewwa Hal-Ghaxaq jirrizulta li filwaqt li l-akkuzat Joseph Bonnici qatel lil Maria

Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, kellu fuq il-persuna tieghu imitazzjoni ta' arma tan-nar.

Fil-fatt hekk kif gie spjegat fil-kapi precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, l-akkuzat ghazel li jwettaq dan ir-reat gewwa r-residenza tieghu u effettivament qatel lil ommu u lil ohtu, cioe Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici wara li dahhalhom wahda, wahda gewwa l-garage tieghu fejn wara li dahlu spara l-arma li kien bena hu stess bilghan li joqtolhom.

Il-Konsegwenza:

B'ghemilu, l-akkuzat Joseph Bonnici, sar hati talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, f'dawn il-gzejjer, senjatament gewwa Hal-Ghaxaq filwaqt li kien qieghed jaghmel reat kontra l-persuni ta' Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, kellu fuq il-persuna tieghu u spara arma tan-nar f'post abitat minghajr licenzja tal-pulizija.

L-Akkuza:

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Joseph Bonnici, hati talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, f'dawn il-gzejjer, senjatament f'Hal-Ghaxaq gewwa residenza tieghu u fid-dintorni, filwaqt li kien qieghed jaghmel reat kontra l-persuni ta' Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, kellu fuq il-persuna tieghu spara arma tan-nar f'post abitat minghajr licenzja tal-pulizija.

Il-Piena:

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Joseph Bonnici, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunefija ghal mhux izjed minn erbgha snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 24(1)(2), 29(2)(a), 33(1) tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi, Kapitolu 33 tal-Ligijiet ta' Malta u 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

IR-RABA' KAP

Il-Fatti

Dakinhar tal-akkadut u fil-lok u cirkostanzi hekk kif deskritti u jirrizultaw mill-kapi precedenti ta' dan l-Att ta' Akkuza, cioe fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, l-akkuzat Joseph Bonnici qatel lil Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, wara li qatilhom, l-akkuzat beda jahdem b'tali mod li pprova jahbi kull tracca tar-reat tieghu.

Wara li qatel lil ommu u lil ohtu hekk kif spjegat fil-kapi precedenti, l-akkuzat beda process sabiex jaccerta ruhu li kull ma ntuza sabiex isehh ir-reat tieghu jisparixxi jew jinqered. Fil-fatt, l-akkuzat fir-rezidenza stess ghandu

post fejn jahraq l-affarijiet u effettivament, tefa' numru ta' oggetti li ntuzaw fil-kommissjoni tad-delitt, gewwa fih u haraqhom. Wara li ghamel hekk, qabad il-mazza li kien uza, ipprova jahraqa, u meta nduna li probabbli ma setghetx tinharaq ghal kollox, hadha gewwa 'civic amenity site' sabiex jarmiha hemm fost ammont kbir ta' hadid. Din il-mazza instabet gewwa l-istess “civic amenity site” hekk kif gie indikat lill-Pulizija mill-akkuzat stess u wara tfitxija estensiva fi skip nstabet, nofsha mahruqa propju kif kien stqarr l-akkuzat.

Minbarra illi rema din il-mazza, l-akkuzat heba l-arma tan-nar li kien bena u uza sabiex iwettaq dan ir-reat. Din l-arma mar jahbiha vicin ta' fejn kien difen lil ommu u lil ohtu. Effettivament kien hbieha gewwa ghalqa li kienet tieghu stess u kien hu stess li ndika lil pulizija fejn kienet tinstab din l-arma tan-nar. Fil-fatt il-Pulizija marru fuq il-post flimkien mal-akkuzat u sabu din l-arma fejn indikalhom hu.

Minbarra dan, wara li difen lil ommu u lil ohtu, l-akkuat Joseph Bonnici, telaq lura lejn id-dar u dahal jorqod bil-hsieb li l-ghada filghodu jqum kmien sabiex jmur jixtri powerwasher minghand il-LIDL, liema powerwash kien se juza biex jahsel il-garage li fih kien kkommetta l-qtil. Effettivament meta qam l-ghada, mar u xtara dan il-powerwasher, telaq lejn id-dar u hasel il-garage bih. Biex ikompli jghatti dak li kien ghamel kien tefa' ukoll ftit tal-pitrolju mal-art ghax hass li kien ghad hemm riha ta' demm qawwija.

Illi r-reat ta' omicidju volontarju huwa delitt sugget ghall-piena mhux anqas mill-piena ta' prigunerija ghal-zmien ta' sena.

<u>Il-Konsegwenza:</u>

B'ghemilu, l-akkuzat Joseph Bonnici, sar hati talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, f'dawn il-gzejjer, xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew indizzji ta' reat liema reat huwa delitt suggett ghal piena ta mhux inqas minn sena' prigunerija.

<u>L-Akkuza:</u>

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar il-fuq f’dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Joseph Bonnici, hati talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, f’dawn il-gzejjer, xjentement issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew indizzji ta' reat u cioe tal-omiċidju ta' Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici liema reat huwa delitt suggett ghal-piena mhux anqas mill-piena ta' prigunerija ghal-zmien ta' sena.

<u>Il-Piena:</u>

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Joseph Bonnici, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta mhux inqas minn erba' xhur u mhux iktar minn sena' skont

dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 111(1) (2) (a) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

IL-HAMES KAP

Il-Fatti:

Fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija fil-kapi precedenti, l-akkuzat Joseph Bonnici, iddecieda li joqtol lil Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, cioe lil ommu u lil ohtu fil-lejl bejn is-26 u s-27 ta' Marzu 2019 fir-rezidenza tieghu gewwa Hal-Ghaxaq f'dawn il-gzejjer. Izda ma waqafx hemm.

Wara li qatel lil Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, huwa haseb biex jahbi l-kadavri taghhom. Fil-fatt, wara li qatilhom, qabad zewg boroz tal-plastic u cable ties, il-boroz libbishom wahda, wahda fuq il-kadavri u ha l-cable ties u dawwarhom ma ghonqhom, dan ghamlu sabiex ma jqattarx demm. Wara li ghattielhom wicchom bil-boroz tal-plastic, il-kadavri ghabbihom fil-karozza tieghu. Biex ghabba dawn il-kadavri, l-akkuzat dahhal il-karozza fil-garage u pjanca biex tghinu jirrombla dawn l-istess kadavri gol karozza. La darba ghabbihom, ghamel triqtu lejn dik l-ghalqa li fiha kien se jidfinhom. Meta wasal hdejn l-ghalqa msemmija iktar il-fuq, rama il-karrettun li kellu fil-karozza, ghabba l-ommu u ohtu u wahda, wahda, garrhom ghal wara l-kamra fejn kien hemm il-hofra li kien lesta minn qabel sabiex jidfinhom hemmhekk. Iz-zewg kadavri kien ghattihom bil-gir sabiex dawn ma jkunux jistghu jinstabu u jnaqqas ir-riha filwaqt li jghin id-dekompoiizzjoni tal-istess kadavri.

Il-Konsegwenza:

B'ghemilu, l-akkuzat Joseph Bonnici, sar hati talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, f’dawn il-gzejjer, xjentement heba l-kadavri ta' persuni li mietu b'delitt, u dan wara li qatel lil Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici u difinhom b'tali mod illi ma jinstabux.

L-Akkuza:

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f’dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Joseph Bonnici, hati talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, f’dawn il-giejjer, xjentement heba l-kadavri ta' persuni li mietu b'delitt.

Il-Piena:

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Joseph Bonnici, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta mhux inqas minn erba' xhur u mhux iktar minn sitt xhur skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 239 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

IS-SITT KAP

Il-Fatti:

Fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija fil-Kapi precedenti, l-akkuzat Joseph Bonnici, iddecieda li joqtol lil Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, cioe lil ommu u lil ohtu fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu 2019 fir-rezidenza tieghu gewwa Hal-Ghaxaq f’dawn il-gzejjer. Biex jaghmel dan, ddecieda illi juza arma tan-nar.

Effettivament, l-akkuzat mhux biss kellu arma tan-nar izda kellhu wkoll il-balal li jaqblu ma' din l-arma tan-nar u dawn intuzaw biex joqtol lil ommu u ohtu. Dawn kienu ghandhom u baqghu hekk sakemm mar jahbihom. L-akkuzat kellu numru ta' armi u kellu licenzja ghal dawn l-armi, izda l-arma li kien bena' u uza ghall dan il-qtil ma kellux licenzja ghaliha. Kellu d-dmir li meta bena' din l-arma tan-nar javza lil-Kummissarju tal-Pulizija izda hu naqas milli javza lill Kummissarju tal-Pulizija dwar din l-arma tan-nar jew il-balal taghha.

Il-Konsegwenza:

B'ghemilu, l-akkuzat Joseph Bonnici, sar hati talli fis-27 ta' Marzu tas-sena 2019 u matul il-granet, xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-giejjer, meta akkwista jew giet f’idejh arma tan-nar, jew xi munizzjon xort'ohra milli ghax kellu licenzja, naqas milli minnufih javza lill-Kummissarju tal-Pulizija.

L-Akkuza:

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f’isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar il-fuq f’dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Joseph Bonnici, hati talli fis-27 ta' Marzu 2019 u fil-granet, xhur u snin ta' qabel, f’dawn il-gzejjer, meta akkwista jew giet f’idejh arma tan-nar, jew xi munizzjon xort'ohra milli ghax kellu licenzja, naqas milli minnufih javza lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Piena:

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Joseph Bonnici, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal mhux izjed minn sitt xhur jew multa ta' mhux inqas minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centeimu (€232.94), jew dik il-multa u prigunerija flimkien skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 41 u 51(8) ta' L-Att dwar L-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u 17 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet  ta’ Malta.

IS-SEBA' KAP

Il-Fatti:

Fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija fil-kapi precedenti, l-akkuzat Joseph Bonnici, iddecieda li joqtol lil Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, cioe lil ommu u lil ohtu fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu 2019 fir-residenza tieghu gewwa Hal-Ghaxaq f'dawn il-gzejjer. Biex jaghmel dan, iddecieda illi juza arma tan-nar li kien bena' hu stess, bil-balal li ghamel hu stess ghaliha u dan kollu minghajr ebda licenzja.

Fil-fatt, l-akkuzat, kellu fil-pussess tieghu din l-arma tan-nar, zammha ghandu u wara li lesta mill-omicidju ta' ommu u ohtu, ha din l-arma tan-nar gewwa ghalqa, hbieha, u halliha hemm. Ghalhekk, din l-arma kienet fil-kontroll shih tieghu sakemm fis-27 ta' Marzu 2019, cioe l-ghada ta' dak il-lejl li fih kien ikkommetta l-qtil doppju, hbieha.

Meta l-akkuiat Joseph Bonnici kellu l-pussess ta' din l-arma tan-nar li kien effettivament immanifattura hu stess flimkien mal-balal ghaliha, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u balal minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dana minkejja li huwa kellu armi ohrajn licenzjati.

Il-Konsegwenza:

B'ghemilu, l-akkuzat Joseph Bonnici, sar hati talli fis-27 ta' Marzu tas-sena 2019 u matul il-granet xhur u snin ta' qabel, f’dawn il-gzejjer, zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

L-Akkuza:

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f’dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Joseph Bonnici, hati talli fis-27 ta' Marzu 2019 u fil-granet xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Piena:

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Joseph Bonnici, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tliett xhur u mhux iktar minn hames snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 5(1) u 51(2), 56 u 57 ta' l-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

IT-TMIEN KAP

Il-Fatti:

Fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija fil-Kapi precedenti, l-akkuzat Joseph Bonnici, iddecieda li joqtol lil Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, cioe lil ommu u lil ohtu fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu 2019 fir-residenza tieghu gewwa Hal-Ghaxaq f'dawn il-gzejjer. Biex jaghmel dan, ddecieda illi juza arma tan-naf li kien bena' hu stess, bil-balal li ghamel hu stess ghaliha.

Din l-arma tan-nar illi bena sabiex isir l-omicidju ta' ommu u ohtu bnieha b'mekkanizmu illi johnoq il-hoss li tista taghmel l-arma. Dan kif effettivament gie iccertifikat mill-espert imqabbad biex janalizza kif tahdem din l-arma tan-nar u il-mekkanizimi li ghandha. Fil-fatt kien ukoll l-akkuzat illi spjega illi ghandu in-"know how" ta' kif jibni arma tan-nar u kien hu illi kien bnieha bicca bicca inkluz din il-bicca li trazzan il-hoss ta' tir minnha.  Din l-arma tan-nar bil-bicciet taghha, eventwalment giet mohbija mill-akkuzat l-ghada ta' dakinhar li fih kien qatel il-ommu u ohtu, cioe is-27 ta' Marzu 2019.

Il-Konsegwenza:

B'ghemilu, l-akkuzat Joseph Bonnici, sar hati talli fis-27 ta' Marzu tas-sena 2019 u matul il-granet, xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, immanifattura apparat iddisinjat sabiex johnoq jew inaqqas il-hoss ta' sparatura ta' arma tan-nar liema apparat ma ntuzax ma' arma tal-arja.

L-Akkuza:

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubbblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar il-fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Joseph Bonnici, hati talli fis-27 ta' Marzu 2019 u matul il-granet, xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer immanifattura apparat iddisinjat sabiex johnoq jew inaqqas il-hoss ta' sparatura ta' arma tan-nar liema apparat ma ntuzax ma arma tal-arja.

Il-Piena:

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat Joseph Bonnici, u illi huwa jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tliett xhur u mhux izjed minn ghaxar snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 3(b) u 51(1) (a), 56 u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

ID-DISA' KAP

Il-Fatti:

Fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok u fatti msemmija fil-kapi precedenti, l-akkuzat Joseph Bonnici, iddecieda li joqtol lil Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, cioe ommu u ohtu fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu 2019

fir-residenza tieghu gewwa Hal-Ghaxaq f'dawn il-gzejjer. Biex jaghmel dan, iddecieda illi juza arma tan-nar li kien bena' hu stess, bil-balal li ghamel hu stess ghaliha.

L-akkuzat huwa bniedem illi ghandu l-konoxxenza ta' kif ghandha tinbena arma. Minbarra din il-konoxxenza, jaf ukoll kif jahdem il-hadid kif ikkonferma hu stess mal-pulizija. Fiz-zminijiet ta' qabel ma' qatel lill ommu u ohtu, l-akkuzat kien ipprokura l-materjal kollu li kellu bzonn sabiex tinbena arma tan-nar. Fil-fatt, kif kien spjega hu stess, din kienet inbniet bicca bicca minnu stess u kien wara li bnieha illi meta gietlu l-opportunita, uzaha sabiex joqtol kemm il-ommu kif ukoll il-ohtu. Eventwalment din l-arma giet mohbija mill-akkuzat l-ghada ta' dakinhar li fih kien qatel il-ommu u ohtu, cioe is-27 ta' Marzu 2019.

Fil-fatt, l-akkuzat, ghalkemm jaf kif tinbena arma tan-nar, u jaf jahdem il-hadid, hu qatt ma ottjena il-permess jew licenzja necessarja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex ikun jista’ jimmanifattura arma tan-nar kif effettivament kien ghamel.

Il-Konsegwenza:

B'ghemilu, l-akkuzat Joseph Bonnici, sar hati talli, fis-27 ta' Marzu tas-sena 2019 u matul il-granet xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, ezercita' s-sengha jew in-negozju ta' fabbrikant tal-armi meta' immanifattura arma tan-nar u munizzjon minghajr licenza mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

L-Akkuza:

Ghaldaqstant l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond tac-cirkostanzi, zmien, lok, u fatti msemmija aktar ‘l fuq f’dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuza, jakkuza lill-imsemmi Joseph Bonnici, hati talli fis-27 ta' Marzu 2019 u fil-granet, xhur u snin ta' qabel, fdawn il-gzejjer, ezercita' s-sengha jew in-negozju ta' fabbrikant tal-armi meta immanifattura arma tan-nar u munizzjon minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Piena:

Konsegwentement, l-Avukat Generali jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra limsemmi akkuzat Joseph Bonnici, u illi huwa jigi kkundannat ihallas multa ta' elf u mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) jew prigunerija ghal mhux izjed minn tliet xhur jew il-prigunerija u multa flimkien, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 16 u 51(4), 56 u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha proċesswali, kif ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkużat, Joseph BONNICI, mistoqsi jekk huwiex ħati skond l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr illi huwa ħati tal-akkużi kollha lilu addebitati fl-Att tal-Akkuża surriferit.

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużat Joseph BONNICI fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil din l-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Joseph BONNICI għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' sitta u tletin sena (36) flimkien mal-ispejjeż peritali inkorsi f'dawn il-proċeduri u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu żmien biżżejjed sabiex, wara li jkun ukoll ikkonsulta privatament mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrifletti sew fuq din id-deċiżjoni tiegħu u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa' lura minnha, u dan skont kif obbligata li tagħmel fis-sensi tal-artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi wara d-dekors ta' dan iż-żmien, il-Qorti reġgħet sejħet il-kawża tal-akkużat u l-istess akkużat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu ġie mistoqsi mill-Qorti jgħid x'kienet se tkun id-deċiżjoni aħħarija tiegħu u bi tweġiba l-akkużat baqa' jtenni li huwa ħati.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ammissjoni inkondizzjonata u li ġiet imtennija, il-Qorti tiddikjara lil Joseph BONNICI ħati :

1. ta' omiċidju volontarju u ċjoe talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tal-2019, f'dawn il-gżejjer u senjatament f'Ħal-Għaxaq, dolożament bil-ħsieb li joqtol persuni (Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici) jew li jqiegħed il-ħajja tagħhom f'periklu ċar, ikkaġunalhom il-mewt.
2. talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tal-2019, f'dawn il-gżejjer u senjatament f'Ħal-Għaxaq ġewwa r-residenza tieghu u fid-dintorni, filwaqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra l-persuni ta' Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici, kellu fuq il-persuna tiegħu arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawn l-oġġetti.
3. talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tal-2019, f'dawn il-gżejjer u senjatament f'Ħal-Għaxaq ġewwa r-residenza tieghu u fid-dintorni, filwaqt li kien qiegħed jagħmel reat kontra l-persuni ta' Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici spara arma tan-nar f'post abitat mingħajr liċenzja tal-pulizija.

4. talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tal-2019, f’dawn il-gżejjer, xjentement issoprima jew b'xi mod ieħor qered jew biddel it-traċċi jew indizzji ta' reat u ċjoe tal-omiċidju ta' Maria Lourdes Bonnici u Angele Bonnici liema reat huwa delitt suġġett għal-piena mhux anqas mill-piena ta' priġunerija għal-żmien ta' sena.
5. talli fil-lejl ta' bejn is-26 u s-27 ta' Marzu tas-sena 2019, f’dawn il-gżejjer, xjentement ħeba l-kadavri ta' persuni li mietu b'delitt.
6. talli fis-27 ta' Marzu 2019 u fil-ġranet, xhur u snin ta' qabel, f’dawn il-gżejjer, meta akkwista jew ġiet f’idejh arma tan-nar, jew xi munizzjon xort'oħra milli għax kellu liċenzja, naqas milli minnufiħ javża lill-Kummissarju tal-Pulizija.
7. talli fis-27 ta' Marzu 2019 u fil-ġranet, xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-gżejjer, żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma tan-nar, jew munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
8. talli fis-27 ta' Marzu 2019 u matul il-ġranet, xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-gżejjer immanifattura apparat iddisinjat sabiex joħnoq jew inaqqas il-ħoss ta' sparatura ta' arma tan-nar liema apparat ma ntużax ma arma tal-arja.
9. talli fis-27 ta' Marzu 2019 u fil-ġranet, xhur u snin ta' qabel, f’dawn il-gżejjer, eżercita' s-sengħa jew in-negozju ta' fabbrikant tal-armi meta immanifattura arma tan-nar u munizzjon mingħajr liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija.

**Ikkunsidrat**

Għalkemm huwa minnu li kull każ għandu l-istorja, ċirkostanzi u partikolaritajiet speċifiċi - jekk mhux ukoll uniċi - tiegħu, u għalhekk mhux dejjem ikun possibbli, jew għaqli, li jitqabbel każ ma ieħor. Kull każ ikollu l-istorja tiegħu u dejjem ikun meħtieġ li tinstema’ l-istorja kollha qabel jingħadda ġudizzju. Iżda din il-Qorti qieset ukoll diversi każijiet oħra li waslu għal sentenzi minn dawn il-Qrati b’rabta ma każijiet ta’ omiċidju volontarju u fejn l-akkużat ikun għażel li jammetti l-ħtija għall-akkużi miġjuba kontra tiegħu qabel ma jibda jgħaddi Ġuri u wkoll fejn ikun sar ftehim mal-Avukat Ġenerali dwar il-piena li għandha tiġi imposta f’ dak il-każ. Dan l-eżerċizzju huwa wkoll importanti sabiex din il-Qorti tkun tista’ anke f’dan il-każ tqis jekk il-kriterji stabbiliti mill-ġurisprudenza jippermettux lil din il-Qorti qabel xejn taċċetta l-ftehim milħuq bejn l-Avukat Ġenerali u l-akkużat f’dan il-każ relattivament għall-piena li huma qablu dwarha.

In partikolari, issir riferenza għas-sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawżi:

- **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Vincent Muscat** fejn fit-23 ta' Frar 2021 ġie kkundannat għall-qtil ta' Daphne Caruana Galizia u fuq patteġġjament weħel il-piena ta' **ħmistax il-sena priġunerija**;

- **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Erin Tanti** fejn fl-14 ta' Ġunju 2019 kien ġie kkundannat għall-qtil tal-minuri Lisa Marie Zahra u fuq patteġġjament weħel il-piena ta' **għoxrin sena u sitt xhur priġunerija**;

- **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Kenneth Gafa'** li fl-20 ta' Lulju 2015 kien ġie kundannat għall-qtil ta' Christine Sammut u fuq patteġġjament weħel il-piena ta' **ħamsa u tletin sena priġunerija**.

- **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ebrahim Alhamow** li b'sentenza mogħtija nhar l-1 ta' Novembru 2010 kien ġie kundannat għall-qtil ta' Ismail Ebdou Abod, fuq patteġġjament weħel il-piena ta' **tmienja u għoxrin sena priġunerija.**

- L-istess piena **ta' tmienja u għoxrin sena priġunerija** ġiet imposta b'sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Hammadi Ben Abdallah Rumdani** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2007 fuq patteġġjament wara li Rumdani ġie kundannat għall-qtil ta' Mohsen Ben Khediri Ben Ali.

Din il-Qorti qieset ukoll diversi sentenzi mogħtija minn dawn il-Qrati f'każijiet li kienu jinvolvu omiċidju volontarju ta' iżjed minn persuna waħda jew omiċidju ta' persuna u tentattivi ta' omiċidju ta' iżjed minn persuna waħda u li wkoll kienu bażati fuq ftehim bejn l-Avukat Ġenerali u l-akkużat. Minn dawn il-każijiet jirriżulta bl-iżjed mod ċar li fejn l-akkużat jagħżel li jammetti l-akkużi miġjuba kontra tiegħu anke għal omiċidju doppju jew plurimu - mingħajr ma jgħaddi ġuri – huwa invarjabbilment jibbenefika minn riduzzjoni fil-piena, ġieli sostanzjali, l-aktar meta jammetti fl-iżjed stadju bikri tal-proċeduri jew fejn l-akkużat ikun ikkopera bi sħiħ mal-awtoritajiet ġudizzjarji jew investigattivi biex jissolva l-każ jew jissolvew każijiet oħra. F'dan is-sens issir riferenza għas-sentenzi :

- **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Clive Farrugia** li b'sentenza tat-3 ta' Diċembru 2014 ġie kundannat għall-qtil ta' Marie Therese Vella kif ukoll għat-tentattiv tal-omiċidju ta' Mary Grace Vella u kif ukoll it-tentattiv tal-

omiċidju ta' Joseph Vella u fejn fuq patteġġjament weħel il-piena ta' **erbgħin sena priġunerija**.

- **Ir-RepubbLika ta' Malta vs. Domenic Bonnici** deċiża nhar id-19 ta' Mejju 2004 fejn din il-Qorti kienet ukoll iċċitat siltiet mill-Blackstone preċiżament fir-rigard ta' meta akkużat ikun meritevoli jew le li jingħata skont fil-piena li jkollha tiġi imposta. Fil-fatt dik il-Qorti kienet qalet li:

> Issa pero' kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament , tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.
> Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-
> **"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the**

**maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain ….."**

Inoltre kienet ukoll qieset li f'dak il-każ l-akkużat mhux biss għall-bidu kien ċaħad kull involviment tiegħu fid-delitt talli beda biex ikkontesta l-kawża kontra tiegħu u kompla hekk anke fl-istadju wara l-kompilazzjoni fejn allura wara li rċieva l-att tal-akkuża ikkontestah b'nota ta' eċċezzjonijiet preliminari – tant li din il-Qorti kienet qieset li f'dak il-każ l-akkużat ma setgħax jingħad li rreġistra xi ammissjoni bikrija li kienet "awtomatikament tintitola lill-ħati għal xi riduzzjoni sostanzjali fil-piena". Iżda f'dak il-każ din il-Qorti kienet iddeċidiet li kellha tapplika d-disposizzjoni tal-artikolu 492 tal-Kodiċi Kriminali favur l-akkużat minħabba l-livell ta' koperazzjoni li imbagħad pero wera mal-Investigaturi nonche mal-awtoritajiet ġudizzjarji. Mill-banda l-oħra dik il-Qorti qieset li dak kien omiċidju dupliċi magħmul waqt li l-akkużat kien qiegħed jisraq lil vitmi tiegħu. B'hekk dik il-Qorti filwaqt li aċċettat l-imposizzjoni tal-artikolu 492 tal-Kodiċi Kriminali kienet imponiet il-piena ta' **tletin sena priġunerija** kontra l-akkużat Domenic Bonnici.

Ta min jgħid ukoll li fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar l-4 t'Ottubru 2007 u li ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) u li kien ko-awtur tar-reati ma' Domenic Bonnici, u fejn Vella għażel li jikkontesta l-akkużi kontrih, wara li l-ġuri sabu ħati dik il-Qorti kienet imponiet il-piena tal-priġunerija għall-għomor u dan wara li qieset li l-posizzjoni ta' Vella, li kien ukoll plurireċidiv, ma setgħetx titqabbel mal-posizzjoni ta' Domenic Bonnici peress li kien hemm differenza kbira fil-fedina penali tat-tnejn li huma, filwaqt li Bonnici "seta' jibbenefika mill-fatt li huwa ammetta l-htija tieghu mill-ewwel u dan skond il-gurisprudenza ghandu jigi rifless fil-piena". Dan ir-raġunament ġie konfermat b'approvazzjoni ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fis-sentenza tagħha ċitata. In definittiva, kemm il-Liġi kif ukoll il-ġurisprudenza jippruvaw jinkoraġġixxu li persuni li jirrendu ruħhom ħatja ta' reati serjissimi jagħrfu ħtijiethom u jammettu l-akkużi minflok jgħaddu ġuri billi joħolqu sistema ta' inċentiv rifless fi tnaqqis tal-piena li tkun tista' tiġi imposta fil-każ fejn jammettu ħtijiethom għall-akkużi mingħajr ma jgħaddu ġuri.

- Każ ieħor deċiż minn din il-Qorti fejn l-istess ħsieb ġie rifless kien dak deċiż nhar l-4 t'April 2005 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Paul Bonnici**. F'dak il-każ, il-Qorti kienet:

> Qieset ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-eta' pjuttost avvanzata tal-akkuzat u l-fedina penali aggornata korretta tieghu li minnha ma jidhirx li kien hati ta' ksur serju tal-ligi qabel dan il-kaz, hlief ghal xi kontravenzjonijiet tat-traffiku u pussess t'arma bla licenzja li jirrizalu ghal iktar minn tletin sena ilu u, peress illi hija sodisfatta li s-sanzjoni jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet u mizuri mitluba mill-Prosekuzzjoni w l-akkuzat kif mitlub fir-rikors kongunt taghhom huma tali li hu legittimu li hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reati li dwarhom il-hati ammetta l-htija w li lanqas ghandha ghaliex tordna li jitkompla li jsir il-guri tal-kaz ghal xi raguni ohra skond il-ligi, kif ukoll illi l-Avukat tal-parte civile li kien qed jidher ghall-interessi tal-vittmi ddikjara li kien qed jirrimmetti ruhu ghall-piena mitluba mill-Avukat Generali w mill-hati;

Il-Qorti għalhekk għaddiet biex laqgħet il-ftehim milħuq bejn l-Avukat Ġenerali u l-akkużat Paul Bonnici u kkundannatu għall-piena ta' **wieħed u tletin sena priġunerija** għall-omiċidju doppju kommess minnu. [1]

## Ikkunsidrat ulterjorment

Illi wara li ġew meqjusa dawn il-prinċipji legali kif ukoll il-ġurisprudenza applikabbli, kemm lokali u kemm estera, il-Qorti qegħda tqis ukoll is-segwenti raġunijiet meta tiġi biex tiddeċiedi jekk għandhiex tilqa' t-talba tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali sabiex din il-Qorti timponi l-piena maqbula bejn l-Avukat Ġenerali u l-akkużat, u ċjoe:

---

[1] Din il-Qorti qieset kemm sentenzi lokali kif ukoll sentenzi ta' ġurisdizzjonijiet differenti, bħal dawk f'diversi stati tal-Istati Uniti tal-Amerika. Fosthom hemm:

- **Gerald Di Domenico**, kien każ Amerikan deċiż f'Mejju 2006 minn Imħallef tal-Qorti Suprema ta' Pennsylvania u fejn il-ħati ġie kundannat fuq patteġġjament għall-piena ta' **għoxrin sena priġunerija**.
- **Tarell Patton**, każ Amerikan deċiż f'Jannar 2008 fejn il-Qorti ta' Franklin fl-Istat t'Ohio ikkundannatu għall-piena ta' **tmintax il-sena priġunerija** għal omiċidju doppju in segwitu għal patteġġjament.
- **David Caplin**, każ Amerikan deċiż fi Frar 2018 mill-Qorti ta' Hillsborough fi New Hampshire, fejn dan il-ħati ġie kundannat għall-piena ta' bejn **għoxrin u erbgħin sena priġunerija** għal omiċidju doppju li kien kommess fl-1988.
- **Samona Louise Ramey**, każ ieħor Amerika deċiż f'Awissu 2021 fejn il-Qorti ta' Tampa, fl-Istat ta' Florida kkundannat lil din l-akkużata għall-piena ta' **ħamsa u tletin sena priġunerija** għal omiċidju doppju kommess tliet snin qabel u dan fuq patteġġjament.

a. Il-livell ta’ koperazzjoni tal-akkużat mal-Investigaturi f’dan il-każ;
b. Din l-ammissjoni hija waħda bikrija;
c. Bis-saħħa ta’ din l-ammissjoni qabel is-smiegħ tal-każ tiegħu l-akkużat evita iżjed tbagħtija għal familjari oħra tal-vitmi nonche lix-xiehda mill-ħtieġa li joqgħodu jixhdu f’dan il-każ u b’hekk ġiet eliminata iżjed vittimizzazzjoni jew retrawmatizzazzjoni minħabba l-akkadut;
d. Il-fedina penali tal-akkużat hija waħda netta, u li turi li l-akkużat ma kellu ebda kundanna oħra qabel din tal-lum u b’hekk ma jirriżultax li l-akkużat kellu xi passat kriminali;
e. Qieset **<u>iċ-ċirkostanzi u l-fatti kollha ta’ dan il-każ</u>**, inkluż il-provi diretti u indiretti miġbura matul il-kors tal-kumpilazzjoni, u mhux l-anqas id-diversi xhieda li xehdu, inkluż dwar il-qagħda u dinamika familjari tal-akkużat mal-vitmi u familjari oħra;
f. b’dan il-ftehim l-Avukat Ġenerali tqis il-piena f’dan il-każ kienet tibbalanċja s-serjeta tar-reat kommess mill-akkużat meħud ukoll fl-isfond taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ mal-interessi tal-protezzjoni tal-komunita;
g. b’din l-ammissjoni tiegħu l-akkużat franka l-ħin, sforzi u l-ispejjeż kbar li huma marbuta maċ-ċelebrazzjoni tal-Ġuri; u mhux l-anqas li
h. din l-ammissjoni iġġib fi tmiemu lil dan il-proċess bil-konsegwenti sejbien ta’ ħtija tal-akkużat għall-akkużi serjissimi li bihom ġie mixli, u iżjed importanti, waslet għall-kundanna ċerta għar-reati kommessi mill-akkużat fi żmien qasir, filwaqt li jeħles lil dan il-każ mill-inċertezza intrinseka marbuta mal-eżitu tal-proċedura tal-Ġuri, fejn sejbien ta’ ħtija mhux fatt skuntat.

Tenut kont ta’ dawn il-prinċipji kollha għalhekk din il-Qorti tqis li għandha tilqa’ t-talba tal-akkużat u l-Avukat Ġenerali.

# DECIDE

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 23, 31, 111(1)(2)(a), 211(1), 211(2), 239 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, fl-artikoli 24(1)(2), 29(2)(a), 33(1) tal-Ordinanza dwar l-Esplossivi, Kapitolu 33 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll fl-artikoli 3, 5(1), 41 u 51(1)(a)(2)(4)(8), 55(a), 56 u 57 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-akkużat Joseph BONNICI għal perjodu ta’ **<u>sitta u tletin sena priġunerija</u>**.

Tikkundannah inoltre għall-ħlas tal-ispejjeż peritali lir-Reġistratur tal-Qorti fl-ammont ta' tmintax il-elf, disa mija u disa' euro, wieħed u disgħin ċenteżmi (€18,909.91) u f'każ li dan l-ammont ma jitħallasx ikunu konvertibbli f'madwar erba' snin priġunerija skont il-Liġi.[2]

Tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* inkluż kull arma, munizzjon, għodod, u kompriżi l-vetturi jew inġenji li servew jew kellhom iservu għall-konsumazzjoni tar-reat kif ukoll kull sustanza jew ħaġa li tkun il-prodott tar-reat.

Tħassar kwalunkwe liċenza maħruġa taħt l-Att dwar l-Armi u li l-ħati kien jippossjedi filwaqt li tipprojbixxi lill-ħati milli jikseb liċenza taħt l-Att dwar l-Armi jew l-Att dwar l-Esplożivi għal perjodu massimu skont il-Liġi.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**

[2] Skont l-artikolu 533(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li:

> Fin-nuqqas tal-ħlas tal-ispejjeż, bħal ma jkun ġie stabbilit mill-qorti, il-qorti għandha, fuq rikors tar-reġistratur, toħroġ mandat ta' arrest kontra l-persuna ikkundannata, b'ordni li din il-persuna tinġieb quddiemha, u l-qorti, wara li tiżgura ruħha mill-identità ta' dik il-persuna, tibdel l-ammont hekk maqtugħ fi priġunerija, bil-kalkolu ta' ġurnata għal kull ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) jew frazzjoni ta' ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65), u tibgħat il-ħabs il-persuna ikkundannata għaż-żmien li joħroġ minn dak il-kalkolu.